Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/271

7.2.2025

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2025/271**

**tal-4 ta' Frar 2025**

**dwar l-aċċettazzjoni ta' kontribut ta' Stat terz għall-operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) (EUNAVFOR ASPIDES/2/2025)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/583 tat-8 ta' Frar 2024 dwar operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) ([1]),

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 7(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/583, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar l-aċċettazzjoni tal-kontributi proposti minn Stati terzi lil EUNAVFOR ASPIDES, abbażi tar-rakkomandazzjoni tal-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE u tal-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea (EUMC).

(2) Wara r-rakkomandazzjonijiet tal-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE u l-EUMC dwar kontribut mir-Repubblika tal-Albanija, jenħtieġ li dak il-kontribut jiġi aċċettat u jitqies bħala sinifikanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-kontribut mir-Repubblika tal-Albanija għall-operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) huwa aċċettat u meqjus sinifikanti.

2. Ir-Repubblika tal-Albanija hija eżentata minn kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-baġit ta' EUNAVFOR ASPIDES.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Frar 2025.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

D. PRONK

([1]) ĠU L, 2024/583, 12.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/583/oj.